# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Kumpilazzjoni Nru. 604/16**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**-vs-**
**Ryan Cutajar**

**Illum, 4 ta' Gunju, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Ryan Cutajar, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 356796(M);

Akkuzat, talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' April 2016 fin-nofs siegha ta' filghodu (12:30am), f'dawn il-Gzejjer, fi Triq Sant'Andrija, is-Swieqi u/jew fil-vicinanzi:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Amber Magri u dan ai termini tal-Artikolu 226(1)(a) u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carl Cauchi u dan ai termini tal-Artikolu 226 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna hsara involontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CRL 287 tal-ghamla Ford ghad-dannu ta' Carl Cauchi u/jew persuni ohra u dan bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku ai termini tal-Artikolu 328(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura b'numru ta' registrazzjoni JBR 645 tal-ghamla Renault b'mod perikoluz, traskurat u bla kont u dan ai termini tal-Artikolu 15(1)(a), (2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura b'numru ta' registrazzjoni JBR 645 tal-ghamla Renault b'manjiera eccessiva u dan ai termini tal-Artikolu 127 tal-Ligi Sussidjarja 65.11;
6. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura b'numru ta' registrazzjoni JBR 645 tal-ghamla Renault qasam il-linji bojod kontinwi u ma zammx fuq in-naha tax-xellug tat-triq u dan ai termini tat-Taqsima 4 A(1)(a)(b) tal-Ligi Sussidjarja 65.05.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Trevor Micallef**,** qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 12 ta' Jannar 2017 quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', okkorrenza, certifikat tat-twelid, process verbal, dettalji ta' vetturi mmarkati Dok SC1, certifikat mediku mmarkat bhala Dok RG1, rapport minn Dr Francis Xavier Darmanin immarkat bhala Dok FXD1, *social inquiry report* immarkat bhala Dok DF1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Nadia Ciappara, Carl Cauchi, Stephen Cachia, PC 1461 Alfred Bray, PC 790 Nathan Zerafa, l-Ispettur Trevor Micallef, ex-PS 69 Jesmond Cremona, Amber Magri, it-Tabib Ray Gatt, Dr Mario Scerri u lil Dr Francis Xavier Darmanin.

**Nadia Ciappara** ipprezentat process verbal 725/2016 dwar incident stradali bejn vettura Renault JBR 645 u Ford CRL 287 li sehhet fi Triq Sant'Andrija, is-Swieqi nhar it-2 ta' April 2016, redatt mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech.

**Carl Cauchi** stqarr li fil-lejl ta' bejn 1 u t-2 ta' April 2016 kien sejjer lejn San Pawl il-Bahar u ezatt qabel tibda l-Coast Road, karozza giet b'velocita mil-karregjata ta' faccata qasmet ghal gol-karregjata tieghu u baqghet diehla dritt fil-karozza tieghu. Huwa spjega li kien wahdu li ma setghax johrog mill-karozza, umbaghad gew xi nies izommulu l-bieba u hareg. Huwa kompla jghid li sofra minn bone bruise wara li saqajh wehlet bejn il-pedali, kien ghamel gimgha fil-krozzi, erba' gimghat izappap u li ghalkemm illum jimxi normali fuq ic-catt pero' meta jimxi fuq wicc mhux catt, bhal ramel, ihoss ftit ugiegh fil-pala ta' siequ tan-naha tal-lemin.

**Stephen Cachia** minn Transport Malta ipprezenta ricerki fuq zewg vetturi; Ford Coupa CRL 287 registrata fuq Carl Cauchi sa mit-23 ta' Gunju 2016; Renault Megane JBR 645 registrata fuq Ryan Cutajar sa mid-29 ta' Ottubru 2015.

**PC 1461 Alfred Bray** qal li fil-post tal-incident kienu marru hu u PS 69 Attard Flores fejn sabu zewg vetturi mahbutin u l-persuni kienu diga ttiehdu l-isptar u li qaghdu jistennew l-esperti sabiex issir l-inkjesta. Huwa spejga li t-triq gejja naqa ghal kisra pero' t-triq dritta u li r-Renault, li kien gej direzzjoni San Giljan, kien qasam il-lane jew tilef il-kontroll ghaliex il-Ford Coupa, li kien sejjer direzzjoni Qawra, kien mal-genb tal-hajt bhal qisu prova jevita l-incident.

**PC 790 Nathan Zerafa** ikkonferma li huwa kien beda r-rapport a fol 3 u li kien spiccah PS 69.

**L-Ispettur Trevor Micallef** qal li nhar it-2 ta' April ghall-habta tas-siegha ta' filghodu kien infurmat minn PS 69 li kien hemm incident stradali bejn zewg vetturi u li meta mar fuq il-post kien sab li Renault JBR 645 misjuqa minn Ryan Cutajar kienet qabzet il-*lane* taghha u baqghet diehla go Ford CRL 287 misjuqa minn Carl Cauchi li kien sejjer direzzjoni San Pawl il-Bahar. Huwa spjega li nforma lill-Magistrat tal-Ghassa Donatella Frendo Dimech fejn hatret diversi esperti biex jghinuha fl-inkjesta.

**Ex-PS 69 Jesmond Cremona** stqarr li kienu marru fuq il-post tal-incident fejn sabu Kuga CCF 346 direzzjoni Bahar ic-Caghaq fil-genb tal-karregjata u Renault Megane JBR 645 min-naha opposta li kien qieghed fuq in-nofs tal-karegjata n-naha tal-Kuga. Meta mistqosi, huwa kkonferma n-numri ta' registrazzjoni u anke li waqt l-access kien hemm incident iehor fejn persuna ta' nazzjonlita' Pollakka baqghet diehla go vettura tal-Pulizija li kienet qed tikkoordina.

**Amber Magri** spjegat li nhar it-2 ta' April 2016 ghall-habta tal-kwarta ta' filghodu waqt li kienet passigiera ma' Ryan Cutajar u waqt li kienu sejrin direzzjoni Paceville minn Bugibba, gholliet rasha mil-mobile u rathom sejrin ghal gol-barrier fejn St Andrew's, werzqet u kiser kollox, spiccaw fil-lane l-ohra u habbtu head-on. Hija spjegat li konsegwenza tal-incident kienet kisret idha, operawha u ghamlulha metal plate u benglet nerve. Amber spjegat li ghadha s'issa mghandix sahha f'idha u jkollha certu ugiegh. Hija spjegat ukoll li ma tistax taghmel affarijiet li kienet taghmel qabel, bhal zfin, u li lanqas tista' terfa' basket. Meta mistoqsija hija stqarret li ma tiftakarx b'liema velocita kien ghaddej.

**it-Tabib Ray Gatt** spjega li kien ra lil Amber Magri fis-27 ta' Settembru 2017 u kien iccertifika li kellha disabilta' permanenti ta' hamsa fil-mija (5%).

**Dr Mario Scerri** jghid li Amber Magri kienet marret ghandu privatament, kien ezaminaha u taha certifikat li mhux esebit in atti, fejn iddikjara li kellha frattura, li kienet giet operata, li ghandha plates u screws inseriti u estatikament ghandha cikatrici twila li ggib maghha massima ta' disabilta' ta' 5%, li teskludi effetti psikologici u ortopedici. Huwa stqarr li ma kienx jaf li kienet l-istess persuna li kien diga' raha fl-inkjesta.

**Dr Francis Xavier Darmanin** stqarr li kien ra lil Amber Magri nhar is-6 ta' Dicembru 2019 wara li incident tat-traffiku. Huwa qal li kienet kisret idha, kienet giet operata u li tali ksur kien involva wiehed min-nervaturi principali ta' idejha x-xellugija li izda d-difett newrologiku li kien hemm issolva wara fit xhur. Huwa kompla jghid li rizultat tal-operazzjoni kellha cikatrici twila madwar tlieta u ghoxrin (23) centimentru li ghalkemm ma tarahix minn quddiem, xhin tgholli jdejha jew taraha minn wara, din tidher.

Semghet ix-xhieda tad-Difiza, u cioe' lil Ryan Cutajar, Deborah Farrugia

**Ryan Cutajar** spjega li dakinhar tal-incident, hu, Amber Magri u tliet ihbieb ohra kienu marru jieklu f'restaurant Bugibba u wara ftehmu li jwassal lil Amber qabel ma jmur id-dar. Huwa kkonferma li kul ma kien xorob kien flixkun birra qabel l-ikel. Ryan kompla jispjega li ghadda mill-Coast Road u li kien ghaddej bis-sittin (60) jew sebghin (70) u li gara fid-dawra qabel il-Luxol ghaddiet vettura b'dawl abjad qawwi li ghamietu u tilef il-kontroll fejn prova jimmanuvra izda habat fil-vettura u ma jiftakarx x'gara ghax intilef minn sensih. Huwa kkonferma li meta tilef il-kontroll tal-vettura kien qabez il-linji bojod kontinwi.

Il-probation officer **Deborah Farrugia** stqarret li Ryan Cutajar kien qed jghix hajja stabbli, dejjem kellu mpjieg stabbli, ma kellux vizzju tad-droga u li fil-passat kien ghamel uzu sporadiku ghal ghan rikreattiv mil-Cannabis u li ghandu relazzjoni tajba mal-familja tieghu. Fir-rapport taghha Deborah Farrugia tirrakomdanda li huwa jkompli jsahhah l-affarijiet pozittivi li ghandu f'hajtu u li meta tkelmet mal-vittmi dawn hassew il-bzonn li jinghataw kumpens ghad-danni li sofrew.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni.

## Ikkunsidrat:

Il-fatti ta' dan il-kaz bdew meta l-imputat kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni JBR 645 fejn mieghu kellu lil Amber Magri bhala passiggiera. Irrizulta mill-provi li l-imputat kien gej minn San Pawl il Bahar minhabba li kienu ltaqaw diversi hbieb u fosthom kien hemm ukoll Amber Magri. Wara li kienu ddecidew li jitilqu minn San Paw il-Bahar, l-imputat kien sejjer iwassal lil Amber ghar-residenza taghha u saq fil-Coast Road. Hekk wasal hdejn Pembroke gara li huwa habat ma' vettura ohra misjuqa minn Carl Cauchi li kienet fil-karreggjata opposta. Rizultat ta' din il-habta, Amber Magri sofriet griehi gravi tant li kellha tigi operata u li baqghet tbati bil-konsegwenzi ta' dan l-incident.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

### Preliminari

L-imputat jinsab akkuzat b'offizi involontarji ta' natura hafifa u gravi fuq il-persuna, hsara involontarja u sewqan tal-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JBR 645 b'mod traskurat, perikoluz u b'velocità eccessiva fost akkuzi ohrajn.

Illi dan kien incident sehh fit-2 t'April 2016 gewwa Triq San Andrija gewwa s-Swieqi, fejn kienu involuti zewg vetturi wahda misjuqa mill-imputat Ryan Cutajar fejn kellu bhala passiggier lil Amber Magri u l-vettura l-ohra misjuqa minn Carl Cauchi.

Il-bazi ta' l-ewwel imputazzjoni huwa l-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jaghmel referenza fuq l-offizi involontarji. Illi marbut ma' dan l-artikolu huwa l-226 (1) (a) u (b) tal-Kap. 9 li jipprovdi li:

> *"(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –*
>
> *(a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);*
>
> *(b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);*

L-elementi rikjesti minn dan l-artikolu sabiex tissussisti din l-offiza huma:-
i. Azzjoni li issir b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti;
ii. Jikkaguna offiza gravi;
iii. fuq persuna.

Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih wegghet Amber Magri u sehh unikament tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni trid tressaq l-ahjar prova sabiex jigu stabbiliti l-fatti

tal-kaz sabiex jigi pruvat li minn naha tal-imputat b'mod involontarju ikkaguna l-feriti gravi minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila da parti tal-imputat jew li ma osservax ir-regolamenti.

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- *"L'inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all'agente di cui egli vuole non tener conto*". Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-**High Way Code – Motor Vehicle Regulations** – bl- iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Illi maghdud ma' dak li ntqal hawn fuq dwar il-kondotta kolpuza l-Qorti ghalhekk trid tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 225 tal-Kap 9 fuq ir-reat tal-involontarjeta'. Illi ghalhekk f'dan il-kaz ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is- segwenti:-

> *"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d- diligenza tal-kaz konkret."*

Inoltre fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. John Vella*** deciza nhar il-15 ta' Frar 1958 mill-Imhallef Harding, ghamel referenza dwar l-interpretazzjoni tal-*culpa*, fejn qal hekk:

> *Tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa, jibqa' dejjem illi l-elementi taghha huma l-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att, u l-possibbilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief b'diligenza straordinarja, li l-ligi ma tezigix, u li se maj tista' ggib kolpa ljevissima, la ma hix inkriminabbli, ma hemmx htija. Il-kolpa tista' tikkonsisti anki f'imprudenza; b'mod illi min jikkommetti att imprudenti avvolja huwa ma riedx jaghmel hag'ohra hlief dak l-att, u ma pprevediex li dak l-att seta' jkollu konsegwenzi koroh, huwa jibqa' fi htija ghax seta' jipprevedi dawk il-konsegwenzi. S'intendi, fil-kolpa hemm dejjem gradazzjonijiet mizurabbli ghas-sekonda tac-cirkustanzi partikulari ta' kull kaz, li jinfluwixxu fuq l-applikazzjoni tal-piena.*

Illi minn dak li ntqal hawn il-Ligi titfa obbligu fuq is-sewwieq u cioe' f'dan il-kaz l-imputat. Illi kif gie kwotat hawn fuq f'dak li jghid l-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien hu responsabbli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova dak li gara fl-incident li kawza tal-imputat sehhew il-griehi gravi li kienet tammonta ghal

*culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali). Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Illi sabiex jinholoq in-ness bejn is-sewqan tal-imputat u dak li hemm fl-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta iridu wkoll jigu konsidrati dawk l-akkuzi li huwa qieghed iwiegeb ghalihom u cioe' li huwa saq b'mod traskurat, bla kont u perikoluz skont l-artikolu 15 (1)(a), (2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza mill-Imhallef Vincent DeGaetano nhar s-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud**, inghataw t-tifsiriet lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

> *"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad- disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> ***Sewqan bla kont** (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal- imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*
>
> ***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s- sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*

Kif tajjeb gie osservat ukoll fil-kawza **Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962:

> *"hu obbligu li kull driver jirregola s-sewqan skond il- kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huwa l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out' liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolemnt vizibbli".*

Issa huwa wkoll principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm dak li huwa msejjah "*proper look out*" li gie definit bhala fil-kawza Il-Pulizija vs Roderick Debattista fil-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-26 ta' Mejju 2004 fejn:

> *"Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening*

*in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*"

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Grech** deciza fis-6 ta' Gunju 2003 fejn qalet:

*...biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Muscat** deciza fis-6 ta' Mejju 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn qalet hekk li:

*"ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti ta' l-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta' l-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi … ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza"*

Illi mix-xhieda mghotija mill-istess Amber Magri li meta hija kienet fi-vettura mal-imputat ftit hin qabel sehh l-incident indunat li kienu sejrin ghal fuq barrier fejn bdiet twerzaq. Kien dak il-hin li l-imputat dawwar il-vettura tieghu u kiser fit-triq opposta bil-konsegwenza li baqa diehel f'vettura ohra misjuqa minn Carl Cauchi. Illi bla dubju ta' xejn l-espert tekniku Dr Mario Buttigieg fejn wera li l-vettura misjuqa mill-imputat marret fil-karregata l-ohra bil-konsegwenza li gabet maghha bl-impatt mal-vettura l-ohra. Illi l-habta sehhet f'parti tat-triq li ma kienx hemm ostakoli li setghu itelfuh. Tant li kompla jghid (a fol 63) li l-velocita li kien ghaddej l-imputat kien tali li bid-daqqa tefa' lura l-vettura l-ohra. Illi minn dan l-asjem tal-fatti kollha jidher bic-car minghajr ombra ta' dubju li l-imputat kien unikament responsabbli ghal dan l-incident meta tilef il-kontroll tal-vettura. Illi ghalhekk bil-konsegwenza li Amber Magri kienet sofriet griehi gravi hekk kif kienet giet icertifikata mit-tobba li ezaminaw u anki kellha taghmel operazzjoni f'idejha fejn kellha titwahhal plate permanenti f'idha. Illi l-Qorti tara li fil-fatt li ghalkemm ma giex stabbiliet il-velocita li kien ghaddej dak il-hin l-imputat, pero jirrizulta li l-impatt li sehh mal-vettura ta' Carl Cauchi li giet imbottata lura u dan ifisser li kien hemm aktar velocita minn vettura ghal ohra. Illi wkoll minn dak li qalet l-istess Amber Magri li l-imputat ma kienx qieghed izomm a proper lookout tant li kienet hi li ndunat li kien se jibqa' diehel ghal fuq barrier. Kien ghalhekk li huwa ghamel manuvra u tilef il-kontroll tal-vettura bir-rizultat li baqa' diehel fil-vettura ta' Carl Cauchi. Illi ghalhekk jirrizulta li s-sewqan tieghu kien wiehed traskurat.

Illi wara li gie stabbilit li l-imputat kien qieghed isuq il-vettura b'mod traskurat, il-kagun ta' dan kien li tilef il-vettura u kkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta' Amber Magri u griehi hfief fuq il-persuna ta' Carl Cauchi.

**Il-Griehi**

Illi l-Artikoli tal-Ligi li jitkellmu dwar feriti gravi huma senjatament l-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponu s-segwenti:-

L-artikolu 216 tal-Kap. 9:-

*(1) "L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu -*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*
*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*
*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*
*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il - marda, f'perikolu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża".*

Filwaqt li l-Artikolu 218 tal-Kap. 9 jipprovdi s-segwenti:-

*(1) "L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin*
*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort".*

Illi minn dak li qal Mr Francis Darmanin li huwa kirurgu li ezamina lil Amber Magri, ikkonkluda li hija kellha cikatrici fuq idejha li se tibqa' permanenti. Irrizulta wkoll li kellha nuqqas ta' sahha f'idejha b'rizultat tal-incident. Illi ghalkemm kien hemm djanjosi positiva rigward fejqan xorta hija kienet se tibqa bil-plate li twahlet f'idejha wara l-operazzjoni u jkun hemm nuqqas ta' sahha fl-idejn. Illi rigward ic-cikatrici mhux visibli minn quddiem. Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-feriti li sofriet Amber Magri se tibqa' ssofri biha u mhux xi haga li sejra tfieq minnha. Illi ghalhekk din id-debulizza hija wahda permanenti li kagunat dizabilita'. Illi f'dan il-kaz il-griehi gravi sofferti minn Amber Magri jaqghu fid-definizzjoni moghtija fl-Artikolu 218 (1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba debulizza permanenti f'idejha. Illi ghalhekk din il-Qorti wara li rat li s-sewqan tal-imputat kien wiehed traskurat u kien hu unikament responsabbli ghall-incident, issibu hati li kkaguna giehi gravi fuq il-persuna ta' Amber Magri.

**Griehi Hfief**
Irrizulta wkoll li minhabba dak l-akkadut weggha wkoll Carl Cauchi li kien xufier gewwa vettura ohra li habat mieghu Ryan Cutajar u cioe' l-imputat. Minn dak li semma espert mediku Dr Mario Scerri fir-rapport li hejja matul l-inkjesta Magisterjali kkonferma li l-griehi li kellu Carl Cauchi kienu ta' natura hafifa. Illi ghalhekk dawn il-griehi gew maghmula kagun tal-habta li sehhet bejn il-vettura misjuqa mill-imputat u dik ta' Carl Cauchi. Illi ghalhekk din il-Qorti wkoll issibu hati li kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Carl Cauchi.

**Il-Hsara fuq il-vettura ta' Carl Cauchi**
Illi mill-espert mahtur fl-inkjesta Magisterjali Dr Mario Buttiegieg ikkonferma fir-rapport tieghu li l-vettura ta' Carl Cauchi garbet hsarat kbar fuq quddiem fejn ikkonkluda li ma tistax tigi irrangata. Illi ghalhekk jidher bic-car li minhabba s-sewqan traskurat tal-imputat ikkaguna hsarat fl-istess vettura ta' Carl Cauchi fejn ukoll sofra griehi hfief mal-impatt. Illi ghalkemm din il-Qorti tara li kien hemm

responsabilita' tal-imputat taht l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux taht is-sub-artikoli (b) u (c) izda taht is-sub-artikolu (d) tal-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan minhabba l-fatt li Carl Cauchi sofra griehi hfief hekk kif gie certifikat.

**Kontravenzjonijiet**
Illi l-ahhar zewg akkuzi li ghandu l-imputat huma dawk li johorgu mill-Ligijiet Sussidjarji 65.05 u 65.11. Illi jidher mill-istess atti li c-citazzjoni giet prezentata fir-registru tal-Qorti f'Novembru tas-sena 2016 u ghalhekk ferm aktar minn tlett xhur. Illi ghalhekk dawn l-akkuzi huma preskritti.

**Decide:**
Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Art. 15(1)(a) (2) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Art. 226(1) (a) (b) u (c) u 328 (b) (c) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Regolament tat-Taqsima 4A (1)(a)(b) L.S.65.05 u Regolament 127 L.S.65.11 filwaqt li ssib lill-imputat Ryan Cutajar hati ta' l-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba (4) imputazzjonijiet fejn issir referenza ghal sewqan b'manjiera traskurata u ma ssibux hati tal- hames (5) u mis-sitt (6) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom u tikkundannah ghall-multa komplessiva ta' elfejn Euro (€2000).

Il-Qorti tordna wkoll ai termini ta' l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-hati ghal zmien hamsa u tletin (35) gurnata li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Il-Qorti tordna l-hati jhallas l-ispejjez tal-hatra ta' l-esperti fl-atti ta' dan il-process fl-ammont ta' elf erba' mija u disghin Ewro u disa' centezmi (€1490.09).

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**